MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 257/2009

Kawza fil-lista: 27

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici tippremetti u titlob hekk:

1. Illi l-attrici u l-konvenut izzewwgu fit-23 ta' Gunju 2007, kif jindika c-certifikat anness bhala Dok. A u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

2. Illi dan iz-zwieg gie skritt fir-Registru Pubbliku bhala Att taz-Zwieg numru 993 tas-sena 2007;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini ta’ l-artikolu 19 (1d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat ukoll minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini ta’ l-artikolu 19(1f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Illi minhabba ragunijiet premessi z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-23 ta’ Gunju 2007 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini ta’ l-Artikolu 19(1d) u 19(1f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tordna li dina n-nullita’ tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa tibqa’ ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota prezentata mill-konvenut li biha ddikjara li “jammetti it-talbiet attrici kif dedotti”;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-23 ta’ Gunju 2007 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d], u dak tal-konvenut, fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jaderixxi ghat-talbiet attrici.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-23 ta’ Gunju 2007, meta allura l-attrici kellha 28 sena, u l-konvenut kellu 31 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien seba’ [7] snin. Wara konvivenza matrimonjali qasira ta’ circa <u>hames xhur u nofs</u>, il-konvenut telaq mid-dar konjugali biex kompla bir-relazzjoni extra matrimonjali li kien qabad ma’ mara ohra, li ghadha sejra, u li minn din ir-relazzjoni ghandu tarbija.

*Verzjoni Attrici*

L-attrici tispjega li huma kellhom gherusija normali, minghajr problemi sinifikanti; di fatti, darba biss kienu mfirdu, u dan ghal gimgha, sena u nofs qabel iz-zwieg. Tghid li wara hames xhur miz-zwieg, meta l-partijiet kienu f’ party, hija rat lill-konvenut f’ jitkellem ma’ kollega tax-xoghol tieghu, f’ komportament kunfidenzjali. Dak il-hin l-attrici hasset li m’ ghandhiex tintervjeni biex ma taqlax inkwiet quddiem in-nies; izda meta l-ghada jew il-pitghada staqwietu x’ kienet qed tghidlu dik il-mara, il-konvenut “qalli mhux affari tieghek, mhux affair tieghek; imbaghad spiccajt ergajt staqsejtu d-dar, u qalli ‘jiena u inti daqshekk.’” [Fol.25]. Eventwalment qallha li kellu problema peress li din il-mara kienet harget tqila minnu.

L-attrici kien iddispjaciha minn dan il-fatt ukoll minhabba li l-konvenut kien jghidilha biex jistennew circa sentejn qabel ma jkollom tfal fiz-zwieg, u li ghalhekk l-att taz-zwieg dejjem sar bi prekawzjoni minn naha tieghu. Fi kliemha “Aktar inhossni traduta li lili kien jghidli li ahjar nistennew qabel ikollna t-tfal, meta mbaghad kellu tarbija minn mara ohra.” [Fol.14]

Tghid li f' dak l-istadju waqfu r-relazzjonijiet intimi bejniethom, u wara xahar, il-konvenut telaq mid-dar konjugali; izda f' dak ix-xahar kienet avvicinata dik il-mara u kienet qaltilha "jiddispjacini kellek tkun int, imma jiena tqila mir-ragel tieghek." [Fol.27].

L-attrici tghid li hi kienet hafritlu kollox, b' tentattiv biex issalva z-zwieg, izda l-konvenut kien katergoriku fir-rifjut tieghu, u pprefera u ried li jibqa' ghaddej bir-relazzjoni extra matrimonjali. Kien ghalhekk li eventwalment l-attrici, qatghet qalba milli ssalva z-zwieg, u pprezentat il-proceduri odjerni.

*Verzjoni Konvenut*

Illi dan jilmenta mill-fatt li, sa miz-zmien gherusija, huwa kien jaf li l-attrici ghandha karattru dominant, u kienet ghajjura hafna ghalih, b' mod li kienet anke taghmel xenati fuq suspett da parti taghha li hu kien qed imur ma' haddiehor. Jghid li huwa dejjem ceda biex ma jaqlax inkwiet. Wara z-zwieg is-sitwazzjoni aggravat.

Il-konvenut jnnega li huwa kien fir-relazzjoni extra matrimonjali qabel ma ttermina l-hajja konjugali ma' l-attrici, u jsostni li kien qabad ma' din il-mara wara li kien telaq mid-dar konjugali. Huwa jammetti li ghandu tarbija minn din i-relazzjoni, u li llum ghadu f' din ir-relazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponi; u hi tal-fehema li ghandha taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici. Il-provi juru li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ghalkemm il-konvenut esternament ghadda minn cerimonja ta' zwieg, izda nternament u b' att pozittiv tal-volonta' tieghu huwa eskluda obbligi essenzjali ghall-hajja konjugali, senjatament il-konvivenza bazata fuq unjoni permanenti u esklussiva, u diretta lejn il-benessere reciproku.

Il-konvenut jsostni li l-karattru ta' l-attrici, allura l-gharusa tieghu, ma kienx joghgbu, izda xorta wahda baqa' maghha seba' snin qabel iz-zwieg, u wkoll izzewwigha.

Kien ukoll jghidilha biex ma jkollomx tfal qabel sentejn wara z-zwieg, izda wara hames xhur ta' konvivenza matrimonjali li matulhom il-partijiet kien ikollhom relazzjonijiet intimi bi prekawzzjoni da part tal-konvenut, huwa nformaha li kien f' relazzjoni ma' mara ohra u li din kienet harget tqila minnu, liema fatt jwassal ghall-konkluzjoni necessarja li, filwaqt li ma' martu huwa kien joqghod attent fl-att konjugali biex din ma tinqabadx tqila, mhux hekk, mal-mara li maghha kellu relazzjoni extra matrimonjali, u li r-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu jsiru minghajr prekawzzjoni ta' xejn.

In fine, il-Qorti tosserva li ma tikkunsiderax lill-konvenut veritier meta jghid li r-relazzjoni extra matrimonjali tieghu bdiet wara li huwa kien ttermina r-relazzjoni minn ma' martu. Il-provi jwasslu ghall-konkluzjoni differenti. Il-Qorti tosserva li hija izjed verosimili l-verzjoni li dan kellu din ir-relazzjoni ma kollega tieghu tax-xoghol, li kien ilu jahdem maghha ghal certu tul taz-zmien, ferm qabel ma l-konvenut kien qal lil martu li din il-mara kienet harget tqila minnu, u li kien qalilha f' dak iz-zmien ghax proprju f' dak iz-zmien il-habiba tieghu kienet harget tqila. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehema li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu il-konvenut kien eskluda b' att pozittiv tal-volonta' tieghu l-obbligu tal-fedelta' fiz-zwieg.

Illi rigward dak allegat mill-konvenut dwar dak li skond hu huwa l-karattru difficli ta' l-attrici, il-Qorti tosserva li din l-allegazzjoni da parti tieghu hija pretest mressaq minnu bil-ghan li jipprova jitfa' ftit mill-htija tieghu fuq l-attrici. Il-Qorti hija tal-fehema li l-karattru da parti ta' l-attrici zgur ma kienx il-kagun tat-terminazzjoni tal-hajja konjugali bejn il-partijiet, wara kollox dawn kienu ilhom flimkien seba' snin qabel iz-zwieg, u ghalhekk il-konvenut kellu zmien bizzejjed u l-opportunita' kollha biex jittermina r-relazzjoni tieghu ma' l-attrici qabel iz-zwieg; izda l-provi juru li hu kien kuntent bis-sitwazzjoni u b' hekk kompla ghaddej bir-relazzjoni u anke zzewweg lill-attrici. Barra minnhekk, il-konvenut ma rnexxielux jipprova li l-attrici kellha anomalija psikologika "serja" li ghamlita "impossibbli" ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja konjugali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma sostnuti mill-provi, huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, liema *caput nullitatis* jikkonfigura biss fil-konfront tal-konvenut. Minn naha ta' l-attrici l-Qorti ma tirravvizax il-*caput nullitatis* auto-attribwit fit-tielet paragrafu tar-rikors promotur.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' Gunju 2007.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------